# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024**

**Numru 9**

**Rikors numru 1159/2012/1 SM**

**Lawrence Cuschieri; Renato Abela; David Caruana**

***v.***

**Direttur Ġenerali (Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika); Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) tad-Dipartiment tal-Pulizija; u Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju 2017 li ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom peress li sabet li ma kien hemm l-ebda aġir illeċitu, abbużiv jew diskriminatorju da parti tal-konvenuti jew uħud minnhom fil-konfront tal-atturi.

2. Il-fatti relevanti li taw lok għall-kawża tallum ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »12.1. Ir-rikorrenti jokkupaw il-kariga ta' uffiċjali tal-imigrazzjoni fi ħdan is-Servizz Pubbliku.
>
> »12.2. Iċ-ċirkolari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru Numru 34/97, li tirregola l-ingaġġ tar-rikorrenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku, tispeċifika s-segwenti fil-klawsola numru 6 tagħha:
>
> > »"Selected officers will be expected to serve as civilian Immigration Officers in the Police Department for a minimum period of three years. However, officers may at any time be relieved of their duties of Immigration Officers at the sole discretion of Government and transferred to other duties in their substantive grade in any other Department. Selected officers who are subsequently appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 14 will, likewise, be expected to relinquish the duties of Immigration Officer and transferred to duties pertinent to their new grade."
>
> »12.3. Aktar minn hekk il-klawsola numru 4 tistipula s-segwenti:
>
> > »"Applicants must be serving Government employees who hold an appointment in a grade with a Salary Scale not higher than Scale 14."
>
> »12.4. l-klawsola numru 5 tal-istess Ċirkolari in diżamina tistipula s-segwenti:
>
> > »"Selected officers will retain their substantive grade but, during the time they are serving as Immigration Officers, they will be paid an allowance equivalent to the difference between the salary to which they are entitled in virtue of their substantive grade and the maximum of Salary Scale 14 ..."
>
> »12.5. Konsegwentement min kien hekk impjegat u jokkupa l-imsemmija kariga kien ristrett milli javvanza għal grad ogħla minn skala 14.
>
> »12.6. Min kien sussegwentement allura javvanza għal grad ogħla minn dak stipulat fl-imsemmija ċirkolari kien mistenni li jirrinunzja mid-doveri tiegħu t'uffiċjal tal-imigrazzjoni u jiġi trasferit għal doveri oħra fi grad ġdid.
>
> »12.7. Ir-rikorrenti jsostnu li għalkemm uħud mill-uffiċjali tal-imigrazzjoni qabżu l-iskala 14 fi ħdan is-Servizz Ċivili, dawn baqgħu jokkupaw il-kariga ta' uffiċjal tal-imigrazzjoni.
>
> »12.8. Għalhekk jirriżulta li nħolqot sitwazzjoni li hemm uħud mill-uffiċjali *de quo* li qabżu l-iskala in diżamina, u oħrajn, li jekk jaqbżuha, jiġu trasferiti għal doveri oħra fi ħdan is-Servizz Ċivili, u konsegwentement il-grupp tal-ewwel ikollhom paga aktar minn dawk li jibqgħu uffiċjali tal-imigrazzjoni li ġew ingaġġati bis-sejħa taċ-ċirkolari fuq riferita;
>
> »12.9. Ir-rikorrenti qegħdin hawn isostnu li din il-kundizzjoni ġiet applikata biss fil-konfront tagħhom u mhux fil-konfront ta' uffiċjali oħra

u allura jirriżulta li hemm uffiċjali li jaqbżu l-iskala 14 in diżamina u żammew il-kariga *de quo* bi ksur taċ-ċirkolari in kwistjoni.

»… … …

»13. Permezz tal-proċedura minnhom inizjata r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-qorti biex tiddikjara li l-intimati ma imxewx b'mod konsistenti fl-applikazzjoni tar-restrizzjoni imposta fiċ-ċirkolari in diżamina.

»14. Għalhekk qed jitolbu li din tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi li tipprekludi lir-rikorrenti milli javvanzaw għall-grad ogħla minn dak 14 bħal kollegi oħra tagħhom li ġà rnexxielhom jagħmlu dan.«

3. L-atturi talbu illi l-qorti:

»1. tiddikjara li l-intimati jew min minnhom applikaw selettivament u b'mod mhux konsistenti r-restrizzjoni imposta minnhom li *immigration officers* ma jistgħux javvanzaw għal grad ogħla minn erbatax (14) u jibqgħu jokkupaw il-pożizzjoni ta' *immigration officers*;

»2. tiddikjara li ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi li tipprekludi lir-rikorrenti milli javvanzaw għal grad ogħla minn 14 bħal impjegati oħra fil-pożizzjoni ta' *immigration officers*;

»3. tiddikjara lill-intimati responsabbli għat-telf ta' qligħ li r-rikorrenti sofrew minħabba r-rifjut tal-intimati li jippermettulhom l-avvanz għal skala salarjali ogħla minn 14

»4. tillikwida kumpens għat-telf ta' qligħ soffert mir-rikorrenti, rappreżentanti d-differenza fis-salarji bejn skala salarjali 14 u skali ogħla, li r-rikorrenti ma rċevewx minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tal-intimati;

»5. tikkundanna lill-istess intimati, jew min minnhom, iħallsu lir-rikorrenti l-kumpens hekk likwidat.

»Bl-ispejjeż ... … …«

4. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»1. Il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg tal-atturi bħala *immigration officers* fis-servizz pubbliku kienu mniżżla bl-aktar mod ċar u inekwivoku fiċ-ċirkolari li abbażi tagħha huma kienu applikaw għal tali impjieg.

»2. Dawn il-kundizzjonijiet ġew aċċettati *in toto* mill-atturi hekk kif assumew l-kariga ta' *immigration officers*.

»3. *Inoltre* s-sitwazzjoni tal-atturi ma hix komparabbli ma' dik tal-impjegati l-oħra li għalihom qed issir referenza fir-rikors in risposta u dan peress illi l-gradi tal-impjegati l-oħra jaqgħu taħt kategorija diversa li hi koperta bi ftehim li jimponi kundizzjonijiet differenti minn dawk tal-atturi.

»4. Isegwi għalhekk li ma teżisti ebda distinzjoni illeġittima u abbużiva bejn l-atturi u mpjegati oħra kif qed jinsinwaw l-atturi.

»5. Għaldaqstant l-atturi b'ebda mod ma ġew jew qed jiġu preġudikati u konsegwentement ħadd mill-esponenti ma jirrispondi għal danni.

»… … …«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti; takkolji r-risposti kollha tal-intimati; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»13. Permezz tal-proċedura minnhom inizjata r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-qorti biex tiddikjara li l-intimati ma imxewx b'mod konsistenti fl-applikazzjoni tar-restrizzjoni imposta fic-ċirkolari in dizamina.

»14. Għalhekk qed jitolbu li din tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi li tipprekludi lir-rikorrenti milli javvanzaw għall-grad ogħla minn dak bħal kollegi oħra tagħhom li ġia` irnexxielhom jagħmlu dan.

»15. Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tar-rikorrenti jirriżulta li hu prinċipalment regolat miċ-ċirkolari fuq riferita Numru 34/97.

»16. Tali ċirkolari tirriżulta li tapplika kemm għall-ewwel grupp ta' ħaddiema involuti, kif ukoll għal dawk sussegwentement ingaġġati wara li kienu ingaġġati l-istess rikorrenti.

»17. Ir-rikorrenti isostnu li meta ssuperaw l-iskala 14 ma tħallewx aktar jagħmlu xogħol t'uffiċjali tal-imigrazzjoni, filwaqt li ħaddiema li kienu ingaġġati warajhom biex jagħmlu l-istess xogħol u qabżu l-iskala in diżamina tħallew fl-istess kariga b'paga, allura, ta' skala ogħla.

»18. Biex jiġi stabbilit jekk verament kienx hemm id-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrenti wieħed għandu jeżamina jekk impjegati fl-istess sitwazzjoni ġewx trattati b'mod differenti.

»19. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Francis Paris *et v.* Anthony Agius *et*, datata s-7 t'Ottubru, 2004, li rriteniet is-segwenti:

> »"Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jiġi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra li kienu tal-istess deskrizzjoni tagħhom. Il-paragun li minnu jeħtieġ li toħroġ id-distinzjoni li hi l-bażi tar-reklam ta' diskriminazzjoni "timporta żewġ elementi, u *cioè* li l-lanjant ma ġiex ittrattat b'ċertu mod waqt li ħaddiehor fl-istess ċirkostanza (*in pari conditione*) ġie jew kien ġie ttrattat b'ċertu mod waqt li ħaddiehor fl-istess ċirkostanzi ma ġiex. Fi kliem ieħor irid isir paragun bejn l-iżvantaġġjat u l-ivvantaġġjat fuq terren ta' ċirkostanzi pari ...
>
> »"Ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni meta l-każijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jiġu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bażi oġġettiva u raġonevoli għal tali trattament differenti."

»20. Ghandu jkun paċifiku li, fil-każijiet ta' allegata diskriminazzjoni, il-piż tal-prova ta' tali allegazzjoni tinkombi fuq min jallegha.

»21. Għalhekk, fil-każ hawn in diżamina jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovaw li huma ġew trattati b'mod negattivament diskriminatorju meta pparagunati ma ħaddiema oħra fl-istess sitwazzjoni identika tagħhom.

»22. Jirriżulta assodat li l-uffiċjali tal-imigrazzjoni li ġew impjegati wara r-rikorrenti kienu f'sitwazzjoni differenti minn dik tar-rikorrenti.

»23. Iż-żewġ gruppi in diżamina kienu jappartjenu għall-kategorji separati.

»24. Konsegwentement l-impjieg taż-żewġ gruppi kien regolat minn kundizzjonijiet differenti.

»25. Kif spjegat mid-Direttur tad-Direttorat tar-*Resourcing* fl-Uffiċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, min mill-ħaddiema *de quo* kellu grad permanenti – bħal ma hu l-każ tar-rikorrenti – kien speċifikatament, prekluż miċ-ċirkolari in kwistjoni milli ikun fi skala ogħla minn dik ta' skala 14.

»26. Għalhekk ir-rikorrenti qed jipparagunaw is-sitwazzjoni partikolari tagħhom ma' ħaddiema li ma kinux ingaġġati bil-kundizzjonijiet speċifiċi li bih kienu ingaġġati l-istess rikorrenti.

»27. Għalhekk ma jistax jingħad li jirriżulta li kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li ġew ittrattati b'mod differenti.

»28. Li jirriżulta minflok hu li ħaddiema f'sitwazzjonijiet differenti ġew trattati b'mod differenti.

»29. Mid-depożizzjoni tal-principal risponsabbli mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, jirriżulta sintetikament is-segwenti:

»29.1. l-ewwel uffiċċjali tal-imigrazzjoni pajżana li daħħlu jaħdmu mal-Korp tal-Pulizija kien fit-13 ta' Jannar 1998, wara sejħa appożita interna fis-settur pubbliku permezz taċ-ċirkolari fuq riferita 34/97;

»29.2. l-impjegati li rrispondew għall-istess ġew magħżula minn diversi setturi tas-servizz pubbliku;

»29.3. ir-rikorrenti jappartjenu għal din il-kategorija speċifika;

»29.4. fost il-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw l-impjieg tal-istess kien hemm il-klawsola numru 6 fuq riferita li tispeċifika li meta uffiċċjal tal-imigrazzjoni jaqbeż is-salarju ta' skala 14 il-gvern ikollu dritt jittrasferih skont l-esiġenzi tas-servizz;

»29.5. effettivament permezz tas-sejħa in diżamina ġew ingaġġati ħamsa u sebgħin (75) uffiċċjal, iżda illum baqa' wieħed u ħamsin (51);

»29.6. *ai termini* tal-klawsola *de quo* l-uffiċċjali tal-imigrazzjoni li qabżu s-salarju ta' skala 14 huma obbligati li jagħmlu wkoll xogħol amministrattiv addizzjonali;

»29.7. jirriżulta li r-rikorrenti ma qabżux is-salarju tal-iskala 14, u għalhekk ma ngħatawx xogħol amministrattiv addizzjonali kif maħsub fl-imsemmija klawsola.

»30. L-istess prinċipal ikompli jispjega s-segwenti:

»30.1. l-uffiċċjali tal-imigrazzjoni l-oħra li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti għandhom ftehim settorjali differenti minn dak tar-rikorrenti;

»30.2. skont dan il-ftehim jirriżulta li dawn huma obbligati jagħmlu xogħol amministrattiv addizzjonali.

»31. *In vista* tal-premess, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma qed jiġu trattati b'mod differenti minn impjegati oħra tal-istess kategorija ma tirriżultax suffragata mill-fatti.

»32. Konsegwentement, it-trattament differenti hu relattiv għall-kategoriji ta' ħaddiema differenti u konsegwentement għandu għan leġittimu.

»33. Konsegwentement, fil-limiti indikati aktar 'il quddiem, it-tielet risposta ġuramentata tal-intimati għandha tiġi akkolta.

»34. *Di* più, l-istess uffiċċjal inkarigat mill-pajżani fi ħdan il-Korp tal-Pulizija jsostni li skont iċ-ċirkolari in diżamina ma kienx indikat li l-impjegati li jilħqu l-Iskola 14 kellhom bilfors bħala konsegwenza "itiru" mid-dipartiment tal-imigrazzjoni.

»35. Is-sitwazzjoni in diżamina kienet dipendenti mill-kundizzjoni speċifikament elenkata fl-istess ċirkolari li din kienet tiskatta biss "fl-esiġenzi tas-servizz".

»36. In effetti l-istess klawsola numru 6 taċ-ċirkolari in diżamina tispeċifika li l-uffiċċjali *de quo* jistgħu jitneħħew mid-doveri li għandhom bħala uffiċċjali tal-imigrazzjoni "fid-diskrezzjoni unika tal-gvern" u jistgħu għalhekk jiġu trasferiti ma kwalunkwe dipartiment governattiv ieħor, għalkemm fl-istess grad sostantiv.

»37. F'dawn iċ-ċirkostanzi tali trasferiment isir fl-interess tal-esiġenzi tas-servizz.

»38. Konsegwentement jirriżulta assodat li t-trattament li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minnu effettivament hu ibbażat fuq raġunijiet xierqa u pubblikament stabbiliti fl-imsemmija ċirkolari u għalhekk ma jirriżultax li huma illeċiti kif minnhom allegat.

»39. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>Dennis Tanti *v.* Prim Ministru *et*</u>, datata s-16 ta' Novembru 2004, li tgħid is-segwenti:

> »"Ma hemmx dubbju li l-kap ta' dipartiment huwa l-persuna responsabbli, u l-aktar persuna idonea, sabiex tiddetermina x'inhuma l-esiġenzi tas-servizz fid-dipartiment tiegħu, u li l-qrati ma għandhomx, u ma jistgħux, jissostitwixxu d-diskrezzjoni tagħhom għal dik tal-kap tad-dipartiment dwar il-mertu ta' x'jirrikjedu l-esiġenzi tas-servizz.
>
> »"Kap ta' dipartiment ma għandux diskrezzjoni illimitata sabiex jiddetermina x'inhuma l-esiġenzi tas-servizz u l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex dawn jiġu sodisfatti, fis-sens li ma jistax juża din id-diskrezzjoni b'mod abbużiv u illegali. Kieku kien mod iehor ikun ifisser li kap ta' dipartment isir entità 'l fuq mil-liġi – sitwazzjoni li mhix aċċettabbli fis-sistema kostituzzjonali tagħna mibnija fuq il-prinċipju tar-*rule of law.*"

»40. Minn analiżi tan-numru ta' uffiċċjali tal-imigrazzjoni li għadhom impjegati fl-imsemmija kariga jirriżulta li mhux għaqli għat-tmexxija

tajba tas-servizz ċivili li jsiru trasferimenti ulterjuri mid-dipartiment in diżamina.

»41. L-iskop ta' tali konklużjoni mhux li b'xi mod jiġu stultifikati l-aspirazzjonijiet tar-rikorrenti iżda li jkun assikurat li jkun hemm numru adegwatament suffiċjenti li jippermetti li l-istess dipartiment jitħaddem b'effiċjenza u ma jippermettix li l-istess dipartiment jiġi żvwotat mir-riżorsi umani li jkunu jistgħu jmexxuh fl-interess tas-soċjetà.

»42. Konsegwentement għandu wkoll ikun paċifiku li l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tad-dipartiment in diżamina tirriżulta li ġiet eżerċitata b'mod sewwa u xieraq fl-interessi tal-esiġenzi veri tas-servizz, u ma tirriżultax li ġiet użata bħala paraventu biex taħbi skopijiet u interessi li jistgħu jkunu nefasti jew partiġġjani.

»43. Ir-rikorrenti jallegaw finalment ukoll li, minħabba f'hekk, huma qed jirċievu paga anqas minn dawk l-uffiċċjali tal-immigrazzjoni li huma fi skala ogħla minn tagħhom.

»44. L-istess rikorrenti jsostnu wkoll li, *di più*, kontra l-uffiċċjali l-oħra, huma preklużi milli jagħmlu xogħol amministrattiv *oltre* x-xogħol t'uffiċċjali tal-imigrazzjoni.

»45. Fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu l-istess prinċipal fuq riferit isostni s-segwenti:

> »"Madanakollu, dawk l-uffiċċjali tal-imigrazzjoni li qabżu s-salarju tal-iskala 14 skont il-ftehim settorjali rispettiv tagħhom, li fil-preżent huma għaxra (10), huma obbligati li jagħmlu wkoll xogħol amministrattiv addizzjonali, apparti d-dmirijiet tagħhom kif indikati fl-imsemmija sejħa. Dan ix-xogħol addizzjonali hu relatat mal-iskala tagħhom u dan kif jirriżulta mis-sezzjoni 1.1. 11.1. tal-*Public Service Management Code* (*P.S.M.C.*). Għandi ngħid ukoll li, peress li t-tliet rikorrenti ma qabżux is-salarju fl-iskala 14, ma ngħatawx xogħol amministrattiv addizzjonali."

»46. Jirriżulta wkoll mix-xiehda tal-istess prinċipal aktar tard li l-istess Kummissarju tal-Pulizija kien ukoll ta struzzjonijiet biex dawk l-impjegati kkonċernati li kienu jaqbżu l-iskala 14 kellhom jingħataw ukoll xogħol amministrattiv addizzjonali, ovvjament relatat mas-servizz pubbliku u fit-termini tar-regoli tal-*Public Service Management Code*.

»47. Konsegwentement, iż-żieda fil-paga li tirriżulta bejn iż-żewġ gruppi t'uffiċċjali tal-imigrazzjoni tirriżulta konċettwalment u impreditor-jalment ġustifikata *stante* li dan il-grupp speċifiku, li r-rikorrenti ma jiffurmawx parti minnu, ingħata xogħol aġġiuntiv *oltre* x-xogħol normali rigwardanti l-imigrazzjoni.

»48. *In vista* tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw it-talbiet taghhom. … … …«

7. L-atturi appellaw b'rikors tal-14 ta' Lulju 2017 li wieġbu l-konvenuti għalih fis-7 t'Awwissu 2017.

8. L-aggravji tal-atturi ġew imfissra hekk:

»Dwar l-ewwel aggravju

»L-ewwel qorti kkonkludiet li *ai termini* tal-klawsola *de quo* l-uffiċċjali tal-immigrazzjoni li qabżu s-salarju ta' skala 14 huma obbligati li jagħmlu wkoll xogħol amministrattiv addizzjonali. Din hija konklużjoni żbaljata peress li ċ-ċirkolari 34/97, li jorbtu lill-ħaddiema hekk ingaġġjati bħala *immigration officers* biss, imkien u fl-ebda mument ma ċ-ċirkulari tgħid hekk.

»Il-qorti ġiet żgwidata mix-xiehda li ressqu l-intimati li bdew jiċċitaw l-*PSMC*, li ma japplikax għal każ odjern, ma japplikax għall-ħaddiema ingaġġjati bħala *immigration officers* għas-sempliċi raġuni li l-ingaġġ tagħhom, kif tistipula l-istess ċirkolari li permezz tagħhom ġew ingaġġjati, huma regolati bil-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ċirkolari, *punto e basta*.

»L-istess konklużjoni raġġiunta mill-ewwel qorti fejn li jirriżulta li r-rikorrenti ma qabżux is-salarju tal-iskala 14, u għalhekk ma ngħatawx xogħol amministrattiv addizzjonali kif maħsub fl-imsemmija klawsola, hija għal kollox żbaljata. Iċ-ċirkolari imkien ma taħseb għal dan l-istat ta' fatt għas-sempliċi raġuni li ċ-ċirkolari tgħid bl-aktar mod ċar li ħaddiema ingaġġjati bħala *immigration officers* huma p*peg*jati sa mill-ewwel ġurnata mal-massimu tal-iskala 14; fil-fatt tgħid "*selected officers will retain their substantive grade but, during the time that they are serving as Immigration Officers, they will be paid an allowance equivalent to the difference between the salary to which they are entitled in virtue of their substantive grade and the maximum of Salary Scale 14*". Hekk fil-fatt seħħ, hekk kienet implimentata iċ-ċirkulari, kull min intagħżel bħala *immigration officer* minnufih, mill-ewwel ġurnata, irċieva komplessivament bħala *take home pay* il-massimu tal-iskala 14.

»Il-qofol tas-sejħa – u hawn hija l-interpretazzjoni skorretta tal-ewwel qorti – kienet li dawk kollha ingaġġjati kienu ser jagħmlu l-istess xogħol u għalhekk kellhom sa mill-ewwel ġurnata jitħallsu l-istess. Il-qorti dal-punt ma għarfitux minħabba kif ġie lilha spjegat mill-intimati. Is-salarju ta' dawn l-uffiċċjali ma jogħliex awtomatikament (għajr għall-għoli tal-ħajja) kull sena kif inhu għall-dawk il-ħaddiema li daħlu bis-sistema tal-progressjoni awtomatika tal-iskali. Fil-każ odjern, dawk il-ħaddiema li daħlu għall-dan l-impjieg u li kienu jibbenefikaw huma ukoll mid-dritt ta' *progression* ma kellhomx il-paga differenti mir-rikorrenti għaliex huma wkoll, bħal rikorrenti, meta ġew ingaġġjati bħala *immigration officers*, ingħataw minnufih u fl-ewwel ġurnata tal-impjieg tagħhom salarju p*peg*jat mal-massimu tal-iskala 14.

»Dwar it-tieni aggravju

»L-ewwel qorti għamlet ħafna enfażi fuq il-fatt li kien hemm żewġ gruppi li daħlu jaħdmu. Bħala stat ta' fatt iddaħlu grupp wieħed fl-istess proċess ta' reklutaġġ u daħlu jaħdmu taħt l-istess kundizzjonijiet li kienu elenkati fiċ-ċirkulari 34/97 u li lkoll aċċettawhom la darba applikaw u aċċettaw l-impjieg lilhom offert. Ma kienx hemm gruppi differenti li daħlu u l-kundizzjonijiet tal-ingaġġ kien l-istess għal kollha li ddaħħlu bħala *immigration officers* għal kuntrarju ta' dak li kkonkludiet il-qorti. Il-qorti sejset id-deċiżjoni fuq din il-premessa żbaljata.

»L-ewwel qorti fehmet b'mod skorrett il-kwistjoni ta' xogħol amministrattiv addizzjonali. Ma jirriżulta minn imkien li l-awtoritajiet kellhom xi

jedd li jżommu fl-istess impjieg ta' *immigration officers* dawk il-ħaddiema li kellhom il-progressjoni awtomatika u li laħqu għaddew skala 14 u jagħtuhom skala differenti u xogħol amministrattiv. Il-paragun mill-*PSMC* li żvija lill-Prim Awla wkoll kien interpretat b'mod skorrett għaliex dan jistipula li "*public officers are required to discharge the usual duties of the office to which they are appointed and any other duties which they may be called upon to perform. Departments are to ensure that the duties carried out by public officers are those appropriate to their grade / position*". Imkien ma jistipula li dawk l-impjegati li jaqbżu xi skala jistgħu jibqgħu jagħmlu l-istess xogħol diment li jingħataw xogħol addizzjonali. Hija biss interpretazzjoni tal-principal tad-dipartiment li kien qiegħed jixhed, inċidentalment wieħed minn dawk li avvanzaw għall-skala 10 riżultat ta' din l-interpretazzjoni żbaljata, interpretazzjoni għall-kollox infondata li żvijat l-istess qorti u wasslita għall-konklużjoni żbaljata li waslet.

»Dwar it-tielet aggravju

»It-tielet aggravju jikkonċerna l-konklużjoni tal-ewwel qorti li ddeterminat li trattament inegwali kien ġustifikat minħabba l-esiġenzi tas-servizz. B'kull rispett din il-konklużjoni ukoll hija żbaljata u għall-diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, is-sitwazzjoni tal-*immigration officers* kienet sitwazzjoni li t-tmexxija tagħhom kien a konoxxenza tagħha minn mindu huma ġew ingaġġjati, kienu jafu ben preċiż li dawk l-uffiċċjali li kellhom id-dritt għall-progressjoni awtomatika kienu jeħtieġu li jiġu sostitwiti fi żmien preċiż u determinat. Minkejja dan ma ħadu l-ebda miżuri. Għall-korrettezza jingħad li kienet ħarġet sejħa numerata *MPO 83/99* għar-reklutaġġ ta' *immigration officers* biss ma kienu ingaġġjaw lil ħadd. Il-problema nqalgħet snin wara u l-awtoritajiet baqgħu kompjaċenti quddiem is-sitwazzjoni li kienet *man mano* qiegħda tiżviluppa quddiem għajnejhom u ma għamlu xejn.

»Ir-rikorrenti jifhmu li kap ta' dipartiment jista', f'sitwazzjoni ta' kriżi, jiġġustifika ruħu taħt din il-kappa iżda wieħed jrid jiftakar li r-rikorrenti kienu ilhom 15-il sena f'din is-sitwazzjoni, kienu ilhom 15-il sena jiġu ddiskriminati u jilmentaw dwar is-sitwazzjoni tagħhom iżda ma sar xejn. Damu snin jistennew li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata qabel ma ppreżentaw din il-kawża u għalhekk dan it-trapass ta' żmien, dan it-trattament inegwali la huwa ġustifikabbli, la huwa aċċettabbli lanqas mhu permissibbli. L-ebda dipartiment ma jista jiddefendi ruħu taħt l-iskuża ta' esiġenzi tas-servizz meta għal aktar minn għaxar snin ma għamel xejn, ipperpetwa l-inġustizzja bl-inadempjenza tiegħu. Ma ħa l-ebda miżura sabiex itaffi jew jirrimedja dawn l-esiġenzi tas-servizz li kienu qed jikkawżaw danni inġenti lir-rikorrenti. Din mhiex difiża permissibbli.

»Dwar ir-raba' aggravju

»Lejn l-aħħar tal-kawża, proprju fl-aħħar jiem tagħha qabel ma l-kawża ntbgħatet għas-sentenza, fis-26 ta' April 2017, l-istess intimati infurmaw lill-qorti li kien ġie iffirmat ftehim kollettiv li kien indirizza s-sitwazzjoni tal-istess uffiċjali ta' imigrazzjoni u anki eżebew kopja ta' dan il-ftehim kollettiv. Fis-seduta quddiem il-qorti miżmuma fl-14 ta' Ġunju 2017 l-intimati kkonfermaw il-ftehim u sostnew għalhekk fl-opinjoni tagħhom l-inġustizzji kienu ġew rimedjati.

> »Fil-waqt li huwa rikonoxxut li millum ’il quddiem is-sitwazzjoni ġiet rimedjata peress li l-uffiċċjali kollha tal-imigrazzjoni ttellgħu kollha skala 10 kif kienu telgħu u għandhom dawk l-uffiċċjali tal-imigrazzjoni li daħlu mal-gvern qabel ma twaqqfet l-iskema tal-progressjoni awtomatika, xorta tibqa pendenti l-kwistjoni dwar id-danni għas-snin passati minħabba li l-ftehim kollettiv ta d-danni mis-sena Jannar 2017 sa Ġunju 2017 biss u mhux għas-snin ta’ qabel, 15-il sena f’din is-sitwazzjoni.«

9. Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jiġu trattati b'mod differenti mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġjonevoli u oġġettiva. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiġġustifika t-trattament differenti.

10. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum bl-ebda mod ma jista’ jingħad illi l-atturi ġew trattati b’mod inġust, diskriminatorju u / jew abbużiv mill-konvenuti jew minn uħud minnhom b’paragun ma’ impjegati oħra li kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni f’sitwazzjoni analoga.

11. Il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti fis-sens li “l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma qed jiġu trattati b’mod differenti minn impjegati oħra tal-istess kategorija ma tirriżultax suffragata mill-fatti” hija għalhekk waħda tajba u ġusta u dan għal dawn ir-raġunijiet:

12. Fl-ewwel lok, l-atturi appellanti ma rnexxilhomx juru li kienu jinsabu f’sitwazzjoni analoga bħal dik li kienu jinsabu fiha l-impjegati l-oħra li kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni.

13. Matul l-andament tal-proċeduri l-atturi qatt ma ddikjaraw li kellhom dritt għal xi *promotion* u / jew li kellhom dritt li jibdew jirċievu salarju ogħla minn dak marbut ma’ skala 14 u ma tħallewx ikomplu jaqdu d-dmirijiet tagħhom

bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni, kif tħallew impjegati oħra li kienu uffiċjali tal-imigrazzjoni.

14. Meta nfetħet il-kawża tallum l-atturi kienu għadhom intitolati li jirċievu salarju marbut mal-iskala 14. Fil-fatt fis-sentenza appellata l-ewwel qorti wkoll osservat illi "r-rikorrenti ma qabżux is-salarju tal-iskala 14, u għal-hekk ma ngħatawx xogħol amministrattiv addizzjonali ...".

15. Il-provi prodotti juru wkoll li minkejja li l-attur Lawrence Cuschieri kellu diversi opportunitajiet sabiex joqgħod għal eżamijiet tas-settur pubbliku għall-grad ta' uffiċċjal eżekuttiv, grad li javvanza f'salarju fi skala 13, hu qatt ma applika.

16. Dan il-fatt ġie kkonfermat mill-attur Lawrence Cuschieri stess fix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fil-15 t'April 2016 fejn qal hekk:

> »Mistoqsi x'inhu l-grad tiegħi fiċ-ċivil ngħid illi jiena għandi l-grad ta' *senior cle*rk. Mistoqsi jekk jiena qattx għamilt eżamijiet maċ-ċivil biex navvanza fil-grad tiegħi ngħid illi meta kellimt lil *ex*-principal tiegħi David Leone Ganado dan kien qalli li jekk napplika nitneħħa ... ... ...«

17. Fid-dawl ta' dan, u peress li ma ġie ppruvat bl-ebda mod li l-atturi jew xi ħadd minnhom qatt kellhom xi dritt li javvanzaw għal skala ogħla minn skala 14, ċertament li ma jistax jingħad illi huma qatt kienu f'sitwazzjoni analoga bħal dik li kienu jinsabu ruħhom fiha l-impjegati l-oħra li kienu uffiċjali tal-imigrazzjoni u li tħallew ikomplu jaqdu dmirijiethom bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni b'salarju ogħla minn dik marbuta ma' skala 14.

18. Fit-tieni lok, kif tajjeb qalet l-ewwel qorti, "ir-rikorrenti qed jipparagunaw is-sitwazzjoni partikolari tagħhom ma ħaddiema li ma kienux ingaġġati bil-kundizzjonijiet speċifiċi li bih kienu ingaġġati l-istess rikorrenti".

19. L-impjegati li kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni kienu ġejjin minn diversi setturi tas-servizz pubbliku fosthom *general service grades*, *technical grades*, *industrial grades*, *nursing grades* u *ex-postal workers*.

20. Għalkemm kollha kienu jissejħu uffiċjali tal-imigrazzjoni ma kinux fl-istess sitwazzjoni peress li kien hemm ftehimiet diversi li kienu jipprovdu għal kundizzjonijiet differenti u dan dejjem skont l-ingaġġ oriġinali ta' kull uffiċċjal tal-immigrazzjoni mas-servizz pubbliku. Naturalment huma setgħu javvanzaw biss fl-iskala skont il-ftehim settorali rispettiv li bih ġew ingaġġati mas-servizz pubbliku.

21. Għalkemm l-atturi rnexxielhom jippruvaw li kien hemm impjegati li kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni fil-passat li kellhom jirriżenjaw mill-kariga tagħhom meta ħadu *promotion* u qabżu l-iskala 14 u ressqu biżżejjed provi wkoll sabiex juru li kien hemm impjegati oħra li wkoll kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni li kienu jirċievu salarju marbut ma' skala 14 u li ġew trattati b'mod differenti meta ħadu *promotion* u / jew kienu intitolati li jirċievu salarju li jaqbeż dak marbut mal-iskala 14 – għaliex x'ħin ħadu *promotion* u / jew qabżu din l-iskala baqgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni b'paga ogħla minn dik marbuta ma' skala 14 – l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li kienu jinsabu f'din is-sitwazzjoni huma stess u wisq inqas ma rnexxielhom jippruvaw li dawn iż-żewġ gruppi ta' impjegati hawn fuq imsemmijin kienu f'sitwazz-jonijiet analogi u / jew li kienu regolati bl-istess ftehim settorali u / jew li l-esiġenzi tas-servizz fiż-żewġ każijiet kienu l-istess.

22. Fix-xiehda tiegħu mogħtija quddiem l-ewwel qorti fit-8 ta' Ottubru 2014 ix-xhud Noel Grixti D'Amato qal hekk:

> »... ... ... Ir-raġuni li kien hemm xi nies li qabżu skala 14 f'dan l-impjieg u xorta baqgħu jagħmlu x-xogħol ta' *immigration officer* ngħid illi hemm żewġ tipi ta' dawn in-nies. Hemm dak it-tip ta' impjegati li jagħmlu l-eżamijiet appożitu, liema eżamijiet kienu miftuħin għall-uffiċjali pubbliċi kollha tal-gvern u kien hemm oħrajn taħt ftehim settorjali allura m'għamlux l-eżamijiet in kwistjoni ... ... ...
>
> »... … …
>
> »... ... ... L-impjegati li m'għamlux eżami qabżu l-iskala 14 u dan minħabba ftehim settorjali speċifiku mal-*unions* kollha u kien ftehim tal-1992. Dan il-ftehim ma kienx japplika għall-impjegati kollha. Effettivament il-ftehim in kwistjoni li qed nirreferi għalih kien sar fl-1991, però beda ikun operattiv fis-sena ta' wara. Dan kien japplika biss għal dawk l-impjegati li kienu fil-*general service grades*. Min kien fiċ-ċivil iżda ma kienx fil-kariga ta' *clerk* per eżempju ma kienx japplika għalih.
>
> »Bħal dan kien hemm ftehim oħra li kienu ftehim settorjali. Mistoqsi liema kien applikabbli għal dawk l-impjegati li qabżu l-iskala 14 u baqgħu jaħdmu fl-*airport* ngħid illi kien il-ftehim settorjali li kien japplika għalihom ...«

23. Fl-affidavit tiegħu ix-xhud Leo Bonnici wkoll jikkonferma li wieħed mill-uffiċjali tal-imigrazzjoni li kien intitolat għal salarju ogħla minn dak marbut mal-iskala 14 u li ma kienx regolat bil-ftehim klassifikattiv tad-19 ta' Novembru 1993 u l-*addendum* datat 23 ta' Awwissu "kien oriġinarjament impjegat tal-Posta li, bil-ftehim ta' *absorption* mal-gvern datat 6 ta' Diċembru 2007 ... ġie assimilat bħala *senior clerk* b'salarju ta' skala 11 fuq bażi personali".

24. Ix-xhud Leo Bonniċi kkonferma wkoll li żewġ uffiċjali tal-imigrazzjoni oħra, li nħatru fil-grad ta' *principal* fi skala ta' salarju 10, kienu nħatru wara sejħa ta' applikazzjonijiet u kienu "ntbagħtu biex iwettqu dmirijiet skont il-livell ta' responsabbiltà tal-grad il-ġdid li applikaw għalih".

25. Kif qal ix-xhud Noel Grixti D'Amato fl-affidavit tiegħu "it-tlett rikorrenti setgħu javvanzaw fis-servizz pubbliku skont il-ftehim settorjali rispettiv tagħhom u *cioè* Lawrence Cuschieri skont il-ftehim settorjali li japplika għal gradi klerikali fiċ-ċivil; filwaqt li fil-każ ta' David Caruana u Renato Abela japplika l-ftehim settorjali tal-klassijiet tekniċi ...". L-ebda wieħed mill-atturi ma qatt ġie mċaħħad milli javvanza fis-servizz pubbliku.

26. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi "r-rikorrenti qed jipparagunaw is-sitwazzjoni partikolari tagħhom ma ħaddiema li ma kinux ingaġġati bil-kundizzjonijiet speċifiċi li bih kienu ingaġġati l-istess rikorrenti" u għaldaqstant "... ma jistax jingħad li ... kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li ġew ittrattati b'mod differenti".

27. Fil-fehma ta' din il-qorti l-argument l-ieħor tal-atturi appellanti – li huwa fis-sens illi kien hemm diskriminazzjoni da parti tal-intimati jew min minnhom peress li skond huma l-uffiċjali tal-imigrazzjoni kollha qed jagħmlu l-istess xogħol – lanqas ma huwa sostanzjat bil-provi. Anzi, mill-atti proċesswali jirriżulta b'mod ċar illi dawk l-impjegati kollha li kienu jservu bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni u li kellhom salarju marbut ma' grad ogħla minn skala 14 kellhom jagħmlu xogħol amministrativ addizzjonali minbarra x-xogħol tagħhom bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni.

28. Dan il-fatt ġie kkonfermat numru ta' drabi matul is-smigħ tal-kawża quddiem l-ewwel qorti, fosthom fix-xiehda ta' Noel Grixti D'Amato tat-8 ta' Ottubru 2014 fejn qal hekk dwar dan il-punt:

> »Nixtieq ninforma lill-qorti illi dawk kollha li qabżu l-iskala 14 kienu ħadu xogħol aġġuntiv li mhuwiex fuq xogħol ta' immigrazzjoni. Kull meta impjegat jiġi appuntat fi skala ġdida ikun hemm indikat fuq il-

karta li jingħata meta jgħaddi minn grad għal ieħor ix-xogħol indikat illi jibda jingħata fil-grad il-ġdid. Dawn jikkonċernaw ċertu kundizzjonijiet bħal *vacation leave*, *return* tal-Ħdud, ċirkolarijiet, u affarijiet hekk li jkunu limitati għall-amministrazzjoni in ġenerali iżda mhux rigwardanti l-immigrazzjoni... ... ...«

29. Fl-*affidavit* l-istes xhud żied jgħid hekk:

»... dawk l-uffiċċjali tal-immigrazzjoni li qabżu s-salarju tal-iskala 14 skont il-ftehim settorjali rispettiv tagħhom, li fil-preżent huma għaxra, huma obbligati li jagħmlu ukoll xogħol amministrattiv addizzjonali, apparti d-dmirijiet tagħhom kif indikati fl-imsemmija sejħa. Dan ix-xogħol addizzjonali hu relatat mal-iskala tagħhom u dan kif jirriżulta mis-sezzjoni 1.1.11.1 tal-*Public Service Management Code* (*PSMC*). Għandi ngħid ukoll, li peress li t-tliet rikorrenti ma qabżux is-salarju fl-iskala 14, ma jingħatawx xogħol amministrattiv addizzjonali.«

30. Meta xehed fil-25 ta' Frar 2016 kompla fisser f'aktar dettall fiex jikkonsisti dan ix-xogħol amministrattiv addizzjonali. Hu qal hekk:

»... ... ... mistoqsi x'inhu x-xogħol amministrattiv addizzjonali li nirreferi għalih ngħid illi parti mix-xogħol huwa relatat mar-risorsi umani fejn jidħlu r-*return* tal-Ħdud, jiġbru l-*leave* tal-impjegati kollha ta' kull *shift*, jieħdu rendikont tas-*sick leave* ta' kull *shift* u dan huwa x-xogħol li jsir kull xahar. Apparti dan jieħdu ħsieb ukoll fejn jidħlu l-uniformijiet. Jieħdu ħsieb jaraw il-kwotazzjonijiet li jsiru u meta ssir it-talba tal-uniformijiet jaraw li l-proċess tal-accounts isegwuh biex jaraw l-andament tal-uniformijiet. Imbagħad ikun hemm xogħol ieħor li jinqala' minn żmien għal żmien fosthom ħadu ħsieb ukoll li jagħmlu lista sħiħa ta' nies li jieħdu l-*overtime*, li ħadmu fiċ-*CHOGM* u fis-*Summit* Ewropew. Kien hemm diversi drabi fejn ħadu ħsieb is-siġġijiet, marru għal *quotations*, iċċekkjaw is-siġġijiet huma u xogħol simili.«

31. Ta' relevanza wkoll huwa dak li qal ix-xhud quddiem l-ewwel qorti fil-15 t'April 2016 fejn qal hekk:

»... ... ... Mistoqsi jekk hemmx persuni li fiċ-ċivil għandhom skala għaxra u skala erbatax li qed jagħmlu xogħol ekwivalenti ta' xulxin ngħid le għaliex Elaine Scerri tagħmel *data inputting*, xogħol tal-livell skala erbatax mhux xogħol tal-livell ta' skala għaxra ... ... ...«

32. B'żieda ma' dak li ntqal hawn fuq din il-qorti taqbel ukoll ma' dak li pprovdiet l-ewwel qorti li "*l*-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tad-dipartiment in diżamina tirriżulta li ġiet eżerċitata b'mod sewwa u xieraq fl-interessi tal-

esiġenżi veri tas-servizz, u ma tirriżultax li ġiet użata bħala paraventu biex taħbi skopijiet u interessi li jistgħu jkunu nefasti jew partiġġjani".

33. Ix-xhud Noel Grixti D'Amato qal hekk meta xehed fil-15 t'April 2016:

> »... ... ... din l-*email* kont bgħattha jien fuq struzzjonijiet tad-direttur ta' dak iż-żmien li minħabba l-esiġenzi tas-servizz ġejna mwaqqfin min-naħa tal-ministeru biex it-*transfer* ma jingħatax. Ir-raġuni kienet li meta d-direttur ta' dak iż-żmien ħaseb li seta' jagħmel dan it-*transfer* dan ma kkomunikax mas-superjuri tiegħu kemm tal-immigrazzjoni bħala Pulizija kif ukoll min-naħa tal-ministeru u dan għaliex it-*transfers* joħorġu min-naħa tal-ministeru. Kieku dawn it-tnejn seħħew minħabba l-esiġenzi tas-servizz kien ser jinqala problema fl-*airport*. Il-problema kienet tirrigwarda n-numru għaliex minn ħamsa u sebgħin uffiċjal tal-immigrazzjoni llum waqgħu għal tmienja u erbgħin... ... ...«

34. Fl-*affidavit* tiegħu żied jgħid hekk:

> »... ... ... Jirriżulta li fis-sena 1998, daħlu sebgħa u ħamsin uffiċċjal tal-immigrazzjoni però illum baqa biss wieħed u ħamsin uffiċjal tal-immigrazzjoni u għalhekk ma tantx hemm lok għal iktar trasferimenti, peress li, jekk ikun hemm nuqqas ta' uffiċċjali ta' immigrazzjoni li jitħarrġu kontinwament fil-qasam tal-immigrazzjoni, titwaqqaf is-sistema kollha ġewwa l-ajruport ta' Malta. Effettivament, meta l-ammont ta' uffiċċjali tal-immigrazzjoni kien ferm ikbar fis-sena 2000, wieħed mill-uffiċjali tal-immigrazzjoni … ġie trasferit abbażi tal-imsemmija klawsola fis-Sezzjoni tas-Salarji ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, unikament minħabba l-esiġenzi ta' dak iż-żmien.«

35. Ix-xhud Leo Bonniċi wkoll kkonferma li l-uffiċjali tal-imigrazzjoni li baqgħu jaqdu dmirijiethom bħala uffiċjali tal-imigrazzjoni minkejja li avvanzaw fl-iskala u bdew jirċievu salarju ogħla minn dak marbut mal-iskala 14 ma ġewx transferiti minħabba l-esiġenzi tas-servizz. Fix-xiehda tiegħu tal-15 t'April 2016 qal hekk:

> »... ... ... Mistoqsi għaliex dawn it-tmien uffiċjali tal-imigrazzjoni tħallew fl-istess xogħol wara li qabżu l-iskala erbatax meta kif tgħid il-klawżola numru 6 s illi dawn li jaqbżu l-iskala erbatax huma mistennija li jirrinunzjaw għar-responsabilitajiet ta' uffiċjali tal-imigrazzjoni u jiġu trasferiti f'postijiet oħra ngħid li kif diġà spjegajt id-direzzjoni li jintbgħatu fiha dawn l-uffiċjali tal-imigrazzjoni jiddependi minn esiġenzi tas-servizz u din fid-diskrezzjoni unika tal-gvern. Ninforma l-qorti wkoll illi ġiet stabbilita b'mod ċar qabel li l-uffiċjali magħżula li jingħataw promozzjoni fi grad ogħla minn skala erbatax *likewise* u allura qed terġa' tiġi ribadita l-mozzjoni tal-esiġenzi tas-servizz jistgħu jitneħħew minn dawk id-dmirijiet tal-uffiċjali tal-imigrazzjoni jew skont l-esiġenzi li

> jkun hemm minn żmien għal żmien f'dan l-uffiċċju partikolari u tal-istess servizz in ġenerali. L-esiġenzi jirrigwardaw jekk ikunx hemm *complement* adekwat biex ilaħħaq mal-manzjonijiet in diżamina ...«

36. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, ma jistax jingħad illi l-konvenuti jew uħud minnhom aġixxew b'mod illegali, abbużiv jew diskriminatorju fil-konfront tal-atturi. L-intimati dejjem aġixxew fil-parametri tal-liġi u tar-regolamenti tas-servizz pubbliku u d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija – li ma jittrasferiex uħud mill-uffiċjali tal-imigrazzjoni li qabżu l-iskala 14 – ittieħdet unikament fl-esiġenzi tas-servizz u skond il-ftehim settorali rispettiv tal-uffiċjali in kwistjoni.

37. Għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija din il-qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata.

38. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss